MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 241/2000/1

**Anthony Scicluna**

**Vs**

**Lloyds (Malta) Ltd fil-kwalita taghha ta’ rapprezentanti ex lege u ghalhekk ghan-nom tal-membri ta’ Lloyds illi flimkien jifformaw id-ditta assikurattrici ossija sindikat ta’ Lloyds illi jgib in-numru 980 u 218 u li jopera taht l-isem**
**ta’ Ensign Motor Policies at Lloyds u Laferla Insurance**
**Agency Ltd, bhala rappezentanti lokali tal-istess ditta ossija sindikat**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex is-socjeta’ konvenuta nomine tghid il-ghaliex ma ghandhiex tigi kkundanna li thallas is-somma ta’ disa’ mija tmienja u tletin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm938.88)

hlas dovut mis-socjeta attrici ghal danni kkawzati minn gharghar f'Dicembru 1999 fil-vettura tal-attur, u cioe' Peugeot Partner bin-No. ta' registratazzjoni IBB 053, liema vettura hija koperta taht il-polza ta' assikurazzjoni bin-No 152898/9, mahruga mis-socjeta' attrici, liema polza tipprovdi *comprehensive coverage*.

Bl-ispejjez, inkluzi l-ittra legali datata 5 ta' Jannar 2000 u l-ittra ufficjali datata 8 ta' Frar 2000, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-eventwali hlas, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 2 tal-atti) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess attur billi l-attur mhuwiex intitolat ghar-risarciment ghad-danni sofferti fl-incident tat-28 ta' Novembru 1999, mertu ta' din l-kawza, billi l-kawza ta' tali danni ma huwiex riskju kopert taht il-polza ta' assikurazzjoni.
2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tas-socjeta' Lloyds (Malta) a fol 3 tal-istess atti kif ukoll il-lista, annessa, tal-ismijiet tal-persuni li huma membri fl-imsemmi sindikat (fol 5 sa fol 12 tal-istess atti).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u> (fol 67 u fol 120 et seq ibid) spjega, dwar id-dinamika tal-incident in esami, illi fid-data in kwistjoni matul Dicembru 1999, hu kien qed jsuq il-vettura msemmija fl-avviz, u li tintuza minnu ghal skop kummercjali ossija garr ta' kaxxi ta' xorb mhux alcoliku, fit-triq li mill-Mosta wiehed jista' jmur lejn San Pawl tat-Targa. Hawnhekk, wara li ghadda fuq ghadira ta' ilma profonda kwazi hames pulzieri l-istess vettura kienet waqfitlu peress li kien "… dahal l-ilma mill-'air cleaner' u l-magna konsegwentement issizjat". Filfatt kien gie spegat lilu mill-mekkanik imsemmi fix-xhieda tieghu illi kien hemm

hafna hsara fil-magna kagunata mill-ilma. Ghalhekk hu ghamel kuntatt mas-socjeta assikuratrici tieghu u ‘certu Charles Grech’ ossija Henry Grech u dan kien qallu “all right”. Ghalhekk hu kien ghamel il-‘claim’ u hallas Lm25 bhala ‘excess’ (ara fol 79 ibid). Sussegwentement kien sar ‘survey’ tal-vettura u s-‘surveyor’ inkarigat mis-socjeta assikuratrici kien issottometta r-rapport esebit a fol 80 u fol 81 ibid. Pero, wara kien ircieva telefonata mill-istess Charles ossija Henry Grech u dan kien informah li l-kaz ma kienx kopert. Difatti dan qallu li kieku l-kaz kien jittratta dwar karozza privata, kien jkun intitolat ghar-risarciment izda l-vettura tieghu ma kienetx ta’ dan it-tip izda van uzat ghal garr ta‘ kaxxi tal-luminata. Minhabba hekk hu kien mar ghand is-‘sub-agent’ fir-Rabat tal-istess socjeta assikuratrici u dan “… xi xahar wara li kien ghamel il-‘claim’ ” kien tah id-dokument esebit a fol 82 u datata it-30 ta’ Awissu 1999. Inoltre dan kien qallu, ukoll, illi “… gieli kien hallsu, bhala assikurazzjoni in konnessjoni ma’ vetturi … ghal uzu kummercjali”. L-attur issottolinea illi meta kien mar ghand l-istess ‘sub-agent’ sabiex jassikura l-istess vettura, dan ma kienx qallu b’xi distinzjoni bejn vettura ghal uzu privat u ohra ghal uzu kummercjali. Minhabba hekk, hu kellu jirripara l-istess vettura u “.... hallast kollox minn buti” (ara l-annessi ircevuti minn fol 81 ibid). Jigi notat, li a fol 72 tinsab il-polza ta’ assikurazzjoni intestat ‘Commercial Motor Insurance’.

In <u>kontroesami</u>, hu sema li, meta gara l-incident, hu kien akkumpanjat minn Joseph Cortis, missier martu. Inoltre fl-istess hin kienet niezla hafna xita l-vettura kienet waqfet wara li kien saq go ghadira ilma. Dwar l-‘air intake’ minn fejn l-ilma kien dahal fil-magna, dan jinsab madwar pied u nofs jew zewg piedi l-fuq mit-triq. Hawnhekk hu semma’ li kien qed jsuq bil-mod u , wara l-incident hu kkalkola li kien hemm “…. madwar mitejn metru ilma” u “… li kien hemm ilma madwar tmien pulzieri, disgha pulzieri fond … ghal madwar mitt metru” liema ilma, pero, ma kienx dahal fil-vettura tieghu.

Illi <u>Joseph Cortis</u> gja msemmi, xehed (fol 92 et seq ibid) illi l-livell tal-ilma kien madwar “… hames pulzieri ilma”, kif kien qal originarjament l-istess attur fl-esami tieghu.

Illi Emanuel ossija Leli Bonnici, il-persuna li rriparat il-magna ‘diesel’ involuta semma (fol 94 et seq ibid) li l-istess magna kienet mimlija ilma li ma originax mir-radjatur, u li l-hsara fl-istess magna “ saret in konnessjoni mal-istess ilma”.

Illi l-imsemmi ‘surveyor’ Anthony Vassallo (fol fol 103 u fol 113 et seq ibid) waqt li kkonferma r-rapport tieghu esebit a fol 80 u fol 81 ibid, u dan semma li kien hemm “…maltemp” u “…l-attur aktarx ghadda minn ghadira ilma”. Inoltre hu qal li meta jidhol l-ilma, fis-sistema mekkanika, ta’ magna ‘diesel’ din tirrisulta fi hsara fl-istess sistema f’dan il-kaz “…kwazi ‘total loss’”. Inoltre, skond hu, f’magna kemm ‘diesel’ kemm ‘petrol’,hu facli li jidhol l-ilma mill-‘air intake’ anki bhala ‘taqtiriet‘. Izda kollox jiddependi mill-kwantita ta’ ilma li jkun hemm. Dwar l-‘air intake’ li jinsab fuq quddiem tal-magna fuq in-naha ta’ fuq hu bizzejjed li jkun hemm ‘splashing’ ta’ ilma “naqra qawwi…” minghajr il-htiega a’ livell gholi izda “ … jiddependi mill-velocita’ …” u fatturi ohrajn (ara r-ritratt a fol 106 fol 115 ibid dwar fejn jinsab l-‘air intake’ madwar tlett piedi mill-art bhala gholi.

Ikkunsidrat

Illi Carmel Galea (fol 110 et seq ibid) il-‘claims manager’ tas-socjeta’ assikuratrici spjega li l-vettura in kwistjoni kienet koperta b’assikurazzjoni ‘comprehensive’ ta’ vettura kummercjali. Wara li specifika x’kien in-numru korrett tal-polza u mhux dak imsemmi fl-avviz promotur, hu qal li l-‘claim’ kienet saret fit-23 ta’ Novembru 1999, ‘ … u dan in rigward incident li gara allegatament fit-29 ta’ Novembru tal-istess sena’. Fl-istess ‘claim’ l-attur kien spjega li l-vettura tieghu kienet ‘… waqfitlu fix-xita. Difatti kien irrisulta li kien ingibed … ilma minn gol ‘air intake’ …. (li) spicca fil-‘combustion chamber’ Ghalhekk l-attur kien gie informat illi l-incident ma kienex kopert b’assikurazzjoni. Hawnhekk hu rrefera ghall-polza esebita a fol 72 b’mod specjali ghal ‘section 2’ a fol 74 ibid. Hawnhekk hemm specifikata l-kopertura moghtija minn din il-polza. Hu sostna li dwar kopertura ghal ‘gharghar’ ossija ‘floods’,

sabiex dan ir-riskju jigi kopert , "… trid issir estensjoni tal-polza u jinhareg l-'endorsement' relattiv" peress li f'polza normali kemm in rigward vetturi privati kemm dawk kummercjali 'gharghar' ma jkunx kopert. Fil-perjodu in kwistjoni u in konnessjoni ma' dan ir-riskju kienet giet offruta tali kopertura, izda limitatament ghal vetturi privati biss. (ara il-'memorandum' mahrug mis-socjeta' assikuratrici a fol 82 ibid).

In kontro esami, hu sema' illi, b'referenza ghal 'general ecceptions' specifikata fuq pagna 8 paragrafu 4 tal-polza gja msemmija, hawnhekk ma kien hemm l-ebda referenza ghal 'floods' izda dawn l-eccezzjonijiet, skond hu, ma kienx ezawrjenti.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jirrisulta illi:-

a) Ma hemmx kontestazzjoni dwar il-kawza ta' dan l-incident cjoe 'gharghar' jew 'flooding' li ikkawza l-hsara konsiderevoli fil-magna tal-attur.
b) Il-vettura tal-attur kienet wahda ghall-uzu kummercjali.
c) Din il-vettura cjoe 'van' tal-marka 'Peugeot Partner' kien kopert b'assikurazzjoni 'comprehensive'.
d) Skond il-polza in atti esebit a fol 80 u intuza sabiex tkopri vettura kummercjali ('Commercial Motor Insurance') din setghet tkopri r-riskji specifikati f'"section 2" a fol 74 ibid. Fost dawn ir-riskji assikurati, ma hemm l-ebda referenza ghal hsara kawzata permezz ta' gharghar.
e) Hu minnu li, fil-perijodu in esami, is-socjeta' assikuratrici estendiet il-kopertura anke ghal 'gharghar' ossija 'flood' (ara fol 82 ibid). Pero din kienet limitata, biss, ghal "Private car – Comprehensive Cover' u mhux veikoli kummercjali.

Illi, ghalhekk, ladarba l-vettura ma kienitx koperta ghar-riskju ta' 'gharghar', wiehed mill-hekk imsejjha 'acts of God' it-talba attrici ma tistax tigi akkolta waqt li ghandha tigi akkolta l-eccezzjoni sottomessa mill-istess socjeta' konvenuta nomine et.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talba attrici waqt li l-ispejjes fic-cirkostanzi tal-kaz in esami ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------